Nru. 18,053
Prezz/Price
Lm1.60 (€3.73)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 20 ta' Marzu, 2007
Tuesday, 20th March, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 249

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,050 u 18,052 tat-13 u s-16 ta' Marzu, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 49 ta' l-2007: Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

A.L. Nru. 50 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Restriction of Use of Hazardous Substances in Electrical and Electronic Equipment (Amendment) Regulations, 2007.*

A.L. Nru. 51 ta' l-2007: Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti ta' l-2007 dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss.

A.L. Nru. 52 ta' l-2007: Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti ta' l-2007 li jestendu l-Applikabilità ta' Disposizzjonijiet dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss għal Servizz mal-Gvern.

A.L. Nru. 53 ta' l-2007: Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi.

A.L. Nru. 54 ta' l-2007: Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti ta' l-2007 li Jestendu l-Applikabilità ta' Disposizzjonijiet dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi għal Servizz mal-Gvern.

A.L. Nru. 55 ta' l-2007: Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali).

A.L. Nru. 56 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261) Ordni ta' l-2007 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferimenti ta' Proprjetà).

GOVERNMENT NOTICES

No. 249

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,050 and 18,052 of the 13th and 16th March, 2007 respectively.

L.N. No. 49 of 2007: Competition Act (Cap. 379); Control of Concentrations (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 50 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Restriction of Use of Hazardous Substances in Electrical and Electronic Equipment (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 51 of 2007: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Contracts of Service for a Fixed Term Regulations, 2007.

L.N. No. 52 of 2007: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Extension of Applicability to Service with Government (Contracts of Service for a Fixed Term) Regulations, 2007.

L.N. No. 53 of 2007: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Equal Treatment in Employment (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 54 of 2007: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Extension of Applicability to Service with Government (Equal Treatment in Employment) Regulations, 2007.

L.N. No. 55 of 2007: Electronic Communications (Regulation) Act (Cap. 399); Electronic Communications Networks and Services (General) (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 56 of 2007: Housing Authority Act (Cap. 261) Housing Authority (Transfer of Assets) Order, 2007.

A.L. Nru. 57 ta' l-2007: Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika (Kap. 174). Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

A.L. Nru. 58 ta' l-2007: Att dwar il-*Bills* tat-Teżor ta' Malta (Kap. 133) Direttiva ta' l-2007 dwar id-Depożitarju Elettroniku Ċentrali għall-*Bills* tat-Teżor ta' Malta.

A.L. Nru. 59 ta' l-2007: Att dwar il-*Bills* tat-Teżor ta' Malta (Kap. 133) Regolamenti ta' l-2007 dwar id-Dematerjalizzazzjoni tal-*Bills* tat-Teżor ta' Malta.

L-20 ta' Marzu, 2007

L.N. No. 57 of 2007: Financial Administration and Audit Act (Cap. 174) Public Contracts (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 58 of 2007: Malta Treasury Bills Act (Cap. 133) Directive on the Electronic Central Depository for Malta Treasury Bills, 2007.

L.N. No. 59 of 2007: Malta Treasury Bills Act (Cap. 133) Malta Treasury Bills (Dematerialisation) Regulations, 2007.

20th March, 2007

Nru. 250

ATT DWAR IL-BILLS TAT-TEŻOR TA' MALTA (KAP. 133)

Avviż dwar id-Data Magħżula għad-Dematerjalizzazzjoni

GĦALL-FINIJIET ta' l-iffissar tad-data kif imsemmija fir-Regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar il-*Bills* tat-Teżor ta' Malta, ippubblikati bl-Avviż Legali Nru. 59 ta' l-2007, u ta' l-artikolu 2 tad-Direttiva ta' l-2007 dwar id-Depożitarju Elettroniku Ċentrali għall-*Bills* tat-Teżor ta' Malta, ippubblikat bl-Avviż Legali Nru. 58 ta' l-2007, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi stabbilixxa it-2 ta' April 2007 bħala d-data magħżula għad-dematerjalizzazzjoni.

L-20 ta' Marzu, 2007

No. 250

MALTA TREASURY BILLS ACT (CAP. 133)

Notice of Appointed Dematerialisation Date

FOR the purposes of the appointment of the date referred to in regulation 2 of the Malta Treasury Bill Regulations, 2007 published by Legal Notice. 59 of 2007, and Article 2 of the Directive on the Electronic Central Depository for Malta Treasury Bills, 2007, published by Legal Notice. 58 of 2007, the Prime Minister and Minister of Finance has established the 2nd April 2007 as the appointed dematerialisation date.

20th March, 2007

Nru. 251

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali b'konsultazzjoni mal-Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern approva lill-persuni msemmija hawn taħt sabiex ikunu nominati, mill-ġdid Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:-

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Qrendi	Neil Spiteri
Birkirkara	Joseph Tabone

L-14 ta' Marzu, 2007

No. 251

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council, after consultation with the Minister for Justice and Home Affairs, has approved that the following persons be re-appointed Executive Secretary of that Local Council:-

Local Council (Locality)	*Secretary*
Qrendi	Neil Spiteri
Birkirkara	Joseph Tabone

14th March, 2007

Nru. 252

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr J.M. Cachia	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	26–29.3.2007

L-20 ta' Marzu, 2007

No. 252

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

20th March, 2007

Nru. 253

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DIVIŻJONI TAL-KONSUMATUR U KOMPETIZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr Godwin Mangion	A/Direttur Ġenerali *A/Director General*	Konsumatur u Kompetizzjoni *Consumer and Competition*	19–24.3.2007

L-20 ta' Marzu, 2007

No. 253

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONSUMER AND COMPETITION DIVISION)

THE Permanent Secretary, Ministry for Competitiveness and Communications, has approved the following acting appointment:–

20th March, 2007

Nru. 254

ATT DWAR SERVIZZI POSTALI (KAP. 254)

Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

Għoti ta' Liċenza lil Premiere Post Limited

GĦALL-FINIJIIET tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254), l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tgħarraf b'din li fit-13 ta' Marzu 2007, ingħatat liċenza lil Premiere Post Limited (C 39835) biex tipprovdi servizzi postali li ma humiex riservati iżda li huma parti mis-servizz universali.

Il-liċenza nħarget peress li l-għoti ta' liċenza lil-liċenzat toffri lill-utenti tas-servizzi postali f'Malta aktar għażla f'dik li hi kwalità u prezz.

L-20 ta' Marzu, 2007

No. 254

POSTAL SERVICES ACT (CAP. 254)

Malta Communications Authority

Grant of Licence to Premiere Post Limited

FOR the purposes of subarticle (5) of article 9 of the Postal Services Act (Cap. 254), the Malta Communications Authority hereby notifies that on the 13th March 2007, a licence was granted to Premiere Post Limited (C 39835) to provide postal services which are not reserved but which fall within the scope of the universal services.

The licence has been issued since the granting of this licence to the licensee offers users of postal services in Malta more options in terms of quality and price.

20th March, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 21

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat - Malta

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu 2007 bejn l-4.00 p.m. u t-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza l'Isle Adam, Pjazza Saqqajja (minn Bank of Valletta sa Rio Café), San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin u l-Kbira.

Nhar it-Tlieta, it-3 ta' April 2007 bejn l-4.00 p.m. u l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza tal-Parroċċa, San Franġisk, Ġorġ Borg Olivier, San Publiju, il-Kulleġġ u San Pawl.

Nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' April 2007 bejn it-3.00 p.m. u l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam, Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, il-Mużew, Pjazza Saqqajja u l-Kbira.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

L-20 ta' Marzu, 2007

POLICE NOTICE

No. 21

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat - Malta

On Friday, 30th March 2007 between 4.00 p.m. and 8.30 p.m. through the following streets: Pjazza l'Isle Adam, Pjazza Saqqajja (from Bank of Valletta to Rio Café), San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin and il-Kbira.

On Tuesday, 3rd April 2007 between 4.00 p.m. and 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza tal-Parroċċa, San Franġisk, Ġorġ Borg Olivier, San Publiju, il-Kulleġġ and San Pawl.

On Friday, 6th April 2007 between 3.00 p.m. and 10.00 p.m. through the following streets: San Pawl, San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam, Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, il-Mużew, Pjazza Saqqajja and il-Kbira.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

20th March, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 22

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' April 2007 bejn is-2.00 p.m. u l-10.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Wied, Fleur De Lys, Santu Rokku, il-Ħerba, Mike Pulis, Pjazza Sant'Elena, il-Kbira, Rigu, l-Isqof Labini, Anġlu Mallia, in-Naxxar u l-Wied.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħin u d-dati msemmija huwa pprojbit u vetturi li jinsabu pparkjati hemm jiġu rmunkati.

L-20 ta' Marzu, 2007

POLICE NOTICE

No. 22

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Sunday, 1st April 2007 between 2.00 p.m. and 10.30 p.m. through the following streets: il-Wied, Fleur De Lys, Santu Rokku, il-Ħerba, Mike Pulis, Pjazza Sant'Elena, il-Kbira, Rigu, l-Isqof Labini, Anġlu Mallia, in-Naxxar and il-Wied.

The parking of vehicles along the abovementioned streets is also prohibited and vehicles found parked there, will be towed away.

20th March, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 11 ta' l-2007

Regatta tal-31 ta' Marzu fil-Port il-Kbir

Ir-Regatta tal-31 ta' Marzu se ssir fil-bokka tal-Port il-Kbir. B'konnessjoni ma' dan l-avveniment ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond ir-Regolament 6 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet u skond l-Artikolu 7 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352), is-Segretarju Eżekuttiv (Portijiet) jordna illi se jitqiegħdu oġġetti ta' ngombru fil-Port il-Kbir.

2. Fit-30 ta' Marzu, 2007, se jitqiegħdu 2 *sinkers* b'*marker buoys* fil-pożizzjonijiet li ġejjin. Dawn imbagħad jitneħħew mill-ġdid fl-1 ta' April, 2007.

	Latitude (T)	*Longitude* (L)
(i)	35°53'.60	14°30'.92
(ii)	35°53'.46	14°30'.76

3. Mit-8.00 a.m. se titqiegħed linja ta' *planks/wires* fil-pożizzjonijiet li ġejjin:–

a. minn baga (i) 'l hinn mill-Ponta ta' Sant'Anġlu sa baga (ii) ħdejn il-Ponta ta' l-Isla faċċata tad-daħla ta' *French Creek*;

b. minn baga (1) sal-ponta fuq ix-xatt taħt il-bastjun ta' Lascaris fil-pożizzjoni:–

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35°53'.74	14°30'.85

ċ. mill-kantuniera tat-tramuntana ta' Ras Ħanżir II sa *bollard* 26 f'*Deep Water Quay*.

Il-bagi, *planks/wires* jitneħħew meta tintemm ir-Regatta għall-ħabta tas-6.00 p.m.

4. Id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jgħarraf lill-*Masters* tal-bastimenti u inġenji kollha illi fil-31 ta' Marzu, 2007 bejn it-8.00 a.m. u madwar is-6.00 p.m., bastimenti li jkunu deħlin ma jitħallewx jgħaddu għal xi rmiġġ fil-Lbiċ ta' linja li tgħaqqad Lascaris ma' l-arblu tal-bandiera tal-Forti Sant'Anġlu. Minbarra dan, inġenji żgħar fil-Marsa ma jitħallewx jgħaddu iżjed mil-linja tat-tluq li l-pożizzjoni tagħha hija murija f'(ċ) hawn fuq wara t-8.00 a.m. Ma jitħalla jsir ebda ċaqliq ta' bastimenti fil-Port il-Kbir, sakemm ma jkunx hemm permess speċjali mid-Direttur Eżekuttiv (Portijiet).

5. *Masters* ta' bastimenti u inġenji huma mwissija illi l-bagi/*planks/wires* msemmija fil-paragrafi 2 u 3 hawn fuq jistgħu jkunu ta' tfixkil fiżiku u għalhekk għandhom ibaħħru b'attenzjoni. L-istess attenzjoni għandha tingħata meta jkunu qrib *planks/wires* bħal dawn meta dawn ikunu qed jitqiegħdu jew jitneħħew.

Chart affettwata BA 177

L-20 ta' Marzu, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 11 of 2007

31 March Regatta in Valletta Grand Harbour

The 31 March Regatta will be held in the main Grand Harbour Channel. In connection with this event it is notified for general information that in terms of Regulation 6 of the Ports Regulations, 1966 and in terms of Section 7 of the Malta Maritime Authority, (Cap. 352), the Executive Director (Ports) directs that the following obstructions will be laid in Grand Harbour.

2. On the 30th March 2007, 2 sinkers with marker buoys will be laid in the following positions. They will then be removed again on 1st April 2007.

	Latitude (N)	Longitude (E)
(i)	35°53'.60	14°30'.92
(ii)	35°53'.46	14°30'.76

3. As from 8.00 a.m. a line of planks/wires will be laid in the following positions:–

a. from buoy (i) off St Angelo Point to buoy (ii) near Senglea Point opposite the entrance of French Creek;

b. from buoy (i) to a point ashore beneath Lascaris Bastion, position:-

Latitude (N)	Longitude (E)
35°53'.74	14°30'.85

c. from north corner at Ras Ħanżir II to bollard 26 at Deep Water Quay.

The buoys, planks/wires will be removed on the completion of the Regatta at approximately 6.00 p.m.

4. The Executive Director (Ports) informs Masters of all vessels and craft that on the 31st March, 2007 between 8.00 a.m. and about 6.00 p.m., incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth South West of a line joining Lascaris and Fort St Angelo Flagstaff. Besides, small craft in "The Marsa" will not be allowed to proceed beyond the starting line whose position is indicated in (c) above after 8.00 a.m. No movements of vessels will be allowed inside Grand Harbour, except by special permission from the Executive Director (Ports).

5. Masters of all vessels and craft are also warned that the buoys/planks/wires mentioned in paragraphs 2 and 3 above may cause a physical obstruction and consequently are to navigate with caution. Likewise caution is to be exercised when in the vicinity of such planks/wires when these are being laid or removed.

Chart affected: BA 177

20th March, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Spettur tal-Pulizija fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Spettur fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

2. Is-salarju ta' Spettur tal-Pulizija huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju Nru. 8 (Lm6,526 (€15,201.49) li jiżdied b'Lm209 (€486.84) kull sena sakemm jilħaq il-massimu ta' Lm7,780 (€18,122.52). Wara seba' snin f'dan il-grad, uffiċjali li dejjem ħadmu b'effiċjenza jkunu eliġibbli biex jitilgħu fi Skala ta' Salarju 7 (Lm6,948 (€16,184.49) li jiżdied b'Lm228 (€531.10) kull sena sakemm jilħaq il-massimu ta' Lm8,316 (€19,371.07).

3. F'każ ta' applikazzjonijiet minn persuni li mhumiex membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, l-applikanti għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

ċ) ikollhom *first degree* minn Università rikonoxxuta, jew ġew approvati mill-Università għall-għotja ta' *first degree* jew għandhom kwalifiki oħra xierqa, komparabbli u rikonoxxuti. Tingħata kunsiderazzjoni lil dawk il-kandidati li għandhom *first degree* jew kwalifiki oħra xierqa, komparabbli u rikonoxxuti f'dawn l-oqsma:

Management, Accounting, Economics, Banking, Finance, Studji Legali, Xjenza, Studji Soċjali, Psikoloġija u Kriminoloġija;

d) ikunu għalqu t-18-il sena sad-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

3.1 Fil-każ ta' membri tal-Korp, l-applikanti jridu jew:

a) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3(ċ) hawn fuq;

JEW

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Inspector of Police in the Malta Police Force

The Public Service Commission invites applications for the posts of Inspector of Police in the Malta Police Force.

2. The post of Inspector of Police carries a salary equivalent to Salary Scale 8 (Lm6,526 (€15,201.49) rising by annual increments of Lm209 (€486.84) per annum up to a maximum of Lm7,780 (€18,122.52). After seven years in the grade, officers with a satisfactory service record will be eligible to proceed to Salary Scale 7 (Lm6,948 (€16,184.49) rising by annual increments of Lm228 (€531.10) per annum up to a maximum of Lm8,316 (€19,371.07).

3. In the case of applications from persons who are not members of the Malta Police Force, applicants must:

a) be citizens of Malta;

b) be able to communicate in Maltese and English;

c) be in possession of a first degree from a recognised University or have been approved by the University for the award of that degree or in possession of an appropriate, comparable and recognised qualification. Due consideration will be given to candidates who hold a first degree or an appropriate, comparable and recognised qualification in the following areas:

Management, Accounting, Economics, Banking, Finance, Legal Studies, Science, Social Studies, Psychology and Criminology;

d) be not less than 18 years of age on the closing date of the call for application;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a certificate of conduct issued by the police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

3.1 In the case of members of the Police Force, applicants must either:

a) satisfy the requirements of paragraph 3(c) above;

OR

b) ikunu fil-grad ta' Surġent jew aktar u jkollhom ta' l-anqas *pass* fi grad Ċ jew 5, f'mhux anqas minn ħames (5) suġġetti f'livell Ordinarju jew ekwivalenti li għandhom jinkludu l-Malti u l-Ingliż.

4. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4.1 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

5. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

5.1 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinhemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

6. L-EWWEL PARTI - EFFIĊJENZA FIŻIKA/ INTERVISTA/*TEST* MEDIKU

6.1 L-applikanti li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqogħdu għat-*test* ta' Effiċjenza Fizika, taħt l-awspiċi tal-Bord ta' Għażla maħtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-i*standards* tal-Korp tal-Pulizija.

Il-livell minimu tat-*Test* fl-Effiċjenza Fiżika hu magħmul minn dawn it-tliet partijiet:

b) hold an appointment of Sergeant or above and possess 'pass' grades C or 5, in not less than five (5) subjects at Ordinary Level or comparable which must include Maltese and English.

4. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, Cap. 413) even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Officer and approval of the Public Service Commission.

4.1 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned qualifications are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

5. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be produced for verification at the interview).

5.1 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

6. PART ONE - PHYSICAL EFFICIENCY/INTERVIEW/ MEDICAL TEST

6.1 Eligible applicants will be subject to a Physical Efficiency Test to be held under the auspices of the PSC Selection Board, to ensure fitness to Malta Police Force standards.

The minimum standards of the Physical Efficiency Test will comprise the following three components:

1. *Mile Run*	Età	Irġiel	Nisa
	18 - 31	10 min	12 min
	32 +	10.30 min	12.30 min
Push-Ups (Repetizzjonijiet)			
	18 - 31	15	10
	32 +	13	8
Sit-Ups (Repetizzjonijiet)			
	18 - 31	25	20
	32 +	20	15

Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-i*standard* minimu f'kull parti tat-*test* fl-Effiċjenza fiżika, biex jitqiesu li għaddew mit-*test* fl-Effiċjenza Fiżika. Il-kandidati li ma jgħaddux f'xi wieħed mill-partijiet tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika, ikunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għal *re-sit* ta' dak it-*test* partikulari, fi żmien ġimgħa wara li jkun sar l-ewwel *test* komplut. Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-*test* fl-Effiċ jenza Fiżika li jitħallew joqogħdu għall-intervista estiża.

6.2 Dawk il-kandidati li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika jkunu meħtieġa li joqogħdu għall-intervista estiża li tinkludi eżami ta' xeħta sabiex jiġi deċiż jekk il-persuna tkunx adatta għal dan l-impieg. Tingħata kunsiderazzjoni lill-esperjenza u l-mod kif ikunu qdew dmirijiethom fil-passat membri tal-Korp tal-Pulizija. Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-intervista estiża li jitħallew joqogħdu għat-Tieni Parti tal-proċess ta' għażla.

6.3 L-applikanti li jgħaddu u li m'humiex membri fil-Korp iridu joqogħdu għall-ezami mediku sabiex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

7. IT-TIENI PARTI - EŻAMI TAL-KWALIFIKA

7.1 Dawk li jgħaddu mill-Ewwel Parti tal-proċess ta' għażla jkun meħtieġ li jattendu *lectures (part time)* organizzati mill-Akkademja tal-Pulizija filgħaxija, bi tħejjija għall-Eżami tal-Kwalifika. Dan l-eżami jkun jikkonsisti fi:-

Karta I Proċedura u Investigazzjonijiet tal-Pulizija;

Karta II Rapporti tal-Pulizijau Korrispondenza Uffiċjali;

Karta III Materji Legali Bażiċi.

7.2 Il-kandidati li jiġi dikjarati mill-Bord ta' Għażla maħtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, bħala li għaddew mill-Eżami ta' Kwalifika jkun eliġibbli biex jinħatru Spetturi tal-Pulizija bi Prova għal sentejn, skond in-numru ta' vakanza li jkunu jeżistu.

7.3 Għal skop ta' ħatra, l-ordni finali tal-mertu jitqies fuq il-marki totali miksuba fl-intervista estiża (para 6.2) u fl-eżami tal-kwalifika (para 7.1).

1. Mile Run	Age	Males	Females
	18 - 31	10 mins	12 mins
	32 +	10.30 mins	12.30 mins
Push-Ups (Repetitions)			
	18 - 31	15	10
	32 +	13	8
Sit-Ups (Repetitions)			
	18 - 31	25	20
	32 +	20	15

Candidates must at least attain the minimum standard in each component of the Physical Efficiency Test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test. Candidates who fail in one component, will be allowed to re-sit that one particular component, within a week from the first complete component. Only candidates who pass in all the components of the physical test will proceed to the extended interview stage of the selection process.

6.2 Applicants who pass the Physical Efficiency Test will be required to undergo an extended interview, which will include an aptitude test to assess their suitability for the post. The experience and past performance of candidates who are already members of the Force will be given due consideration. Only candidates who are successful in the extended interview will proceed to Part Two of the selection process.

6.3 Successful applicants who are not members of the Police Force will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

7. PART TWO - QUALIFYING EXAMINATION

7.1 Applicants who are successful in Part One will be required to attend lectures (part-time) organized by the Police Academy during the evening, in preparation for the Qualifying Examination. This examination will consist of:-

Paper I Police Procedure and Investigations;

Paper II Police Reports and Official Correspondence;

Paper III Basic Legal Matters.

7.2 Candidates who are declared by the PSC Selection Board as having been successful in the Qualifying Examination will be eligible to be appointed Probationary Police Inspectors for a two-year period, depending on the number of vacancies available.

7.3 For the purpose of appointment, the final order of merit will be determined by the total marks obtained in the extended interview (para 6.2) and the qualifying examination (para 7.1).

8. IT-TIELET PARTI - EŻAMI TA' KONFERMA

8.1 Barra milli jingħataw dmirijiet normali tal-pulizija konnessi mal-grad tagħhom, l-Ispettur tal-Pulizija maħtura bi Prova, jinħtieġ ukoll li jattendi *lectures* f'suġġetti relatati mal-pulizija u materji legali inklużi fil-kors *part-time* organizzat mill-Università ta' Malta li jwassal għal *Diploma in Policing*. L-eżami finali ta' din id-*Diploma* jikkostitwixxi t-Tielet Part - Eżami ta' Konferma ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.2 Spetturi tal-Pulizija bi Prova li ma jgħaddux fl-Ezami ta' Konferma msemmi fil-paragrafu 8.1, jingħataw opportunità oħra biex jerġgħu joqgħodu għall-eżami finali tal-kors tad-*Diploma*. Jekk jerġgħu jeħlu, in-nomina tagħhom bħala Spetturi tal-Pulizija bi Prova tiġi mitmuma ipso facto.

9. Spetturi tal-Pulizija bi Prova li jgħaddu mit-Tielet Parti - Eżami ta' Konferma, jiġu kkonfermati fil-ħatra tagħhom bħala Spetturi tal-Pulizija.

9.1 Spetturi tal-Pulizija huma mistennija li jservu lill-Gvern ta' Malta għall-perjodu ta' erba' (4) snin u jkunu mitluba li jagħmlu kuntratt fejn jintrabtu li jagħtu garanzija ta' twettiq ta' servizz.

10. L-Ispetturi tal-Pulizija bi Prova jiġu assessjati fuq dmirijiethom kull erba' xhur u r-riżultati jiġi kkomunikati lilhom regolarment. Fil-perjodu ta' prova Spetturi tal-Pulizija bi Prova li ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell f'erbgħa mit-testijiet ikollhom il-ħatra tagħhom mitmuma skond ir-Regolament 19(3) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

11. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana.

11.1 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.2 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gażżetta tal-Gvern.

12. Il-formoli uffiċjali ta' l-applikazzjoni jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' żewġ ritratti riċenti daqs tal-passaport u d-dokumenti msemmija f'paragrafu 3 hawn fuq, għandhom jintbagħtu lit-Taqsima Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, indirizzati lill-Kummissarju tal-Pulizija, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' April 2007.

8. PART THREE - CONFIRMATION EXAMINATION

8.1 Besides being assigned the normal police duties pertaining to their rank, Probationary Police Inspectors will, on appointment, also be required to attend lectures in policing and legal subjects comprising the part-time University of Malta course leading to the Diploma in Policing. The final examination of this Diploma course will constitute Part Three - Confirmation Examination of this call.

8.2 Probationary Police Inspectors who are not successful in the Confirmation Examination referred to in para 8.1 will be given another chance to re-sit the final examination of the Diploma course. If they again fail, they will have their probationary appointment terminated ipso facto.

9. Probationary Police Inspectors who are successful in Part Three will be confirmed in their appointment as Police Inspectors.

9.1 Police Inspectors will be required to serve Government as Inspectors of Police for a period of four (4) years and will be required to sign an appropriate undertaking to that effect.

10. The all round performance of Police Inspectors will be assessed every four months and the results will be duly communicated to them. Police Inspectors who fail to attain the required standard in any four assessments will have their appointment terminated in terms of the Public Service Commission Regulations, 1960.

11. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Police Headquarters, Floriana.

11.1 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

11.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

12. Application forms may be collected from the Human Resources Branch, Police Headquarters, Floriana.

13. Applications, together with two passport-size photographs, the documents mentioned in paragraph 3 above, will be received in the first instance by the Commissioner of Police, through the Human Resources Branch, Police Headquarters, Floriana by not later than noon of Friday, 13th April 2007

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 13 ta' April 2007 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu 21243067).

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta mill-Kummissarju tal-Pulizija fi żmien sebat (7) ijiem.

L-20 ta' Marzu, 2007

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 13th April 2007 may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is 21243067).

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Commissioner of Police and a receipt given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Commissioner of Police, within seven (7) days.

20th March, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u l-Impiegi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg.

2.1 Il-post ta' Uffiċjal Legali *Junior* għandu salarju ta' Lm6,135 (€14,290.71) fis-sena, li jiżdied b' Lm192 (€447.24) fis-sena sa massimu ta' Lm7,082 (€16,974.14) (Skala ta' Salarju 9).

2.2 Il-persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Legali *Junior* tinħatar Uffiċjal Legali fi Skala ta' Salarju 8 (Lm6,526 x Lm209 - Lm7,780 (€15,201.49 x €486.84 - €18,122.53)) wara sentejn (2) ta' servizz sodisfaċenti fil-kariga.

2.3 Il-persuna magħżula li jkollha mill-inqas tliet (3) snin ta' prattika legali ppruvata wara li tkun kisbet il-*warrant* ta' Avukat tinħatar Uffiċjal Legali fi Skala ta' Salarju 8 (Lm6,526 x Lm209 - Lm7,780 (€15,201.49 x €486.84 - €18,122.53)). Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Legali titla' għal Skala ta' Salarju 7 (Lm6,948 x Lm228 - Lm8,316 (€16,184.49 x €531.10 - €19,371.07)) wara għaxar snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

2.4 Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet oħra stabbiliti bejn il-Gvern Malti u l-*Unions* kompetenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Department of Industrial and Employment Relations, Ministry of Education, Youth and Employment

The Public Service Commission invites applications for the post of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Department of Industrial and Employment Relations, Ministry of Education, Youth and Employment.

2.1 The salary for the post of Junior Legal Officer is Lm6,135 (€14,290.71) per annum, rising by annual increments of Lm192 (€447.24) up to a maximum of Lm7,287 (€16,974.14) (Salary Scale 9).

2.2 A Junior Legal Officer will, subject to satisfactory performance, be upgraded to Legal Officer on Salary Scale 8 (Lm6,526 x Lm209 - Lm7,780 (€15,201.49 x €486.84 - €18,122.53)) on completion of two (2) years service in the grade.

2.3 A selected applicant who has at least three (3) years of proven legal practice after obtaining the warrant to practice as Advocate, will be appointed Legal Officer in Salary Scale 8 (Lm6,526 x Lm209 - Lm7,780 (€15,201.49 x €486.84 - €18,122.53)). An officer in the grade of Legal Officer will, subject to satisfactory performance, be placed in Salary Scale 7 (Lm6,948 x Lm228 - Lm8,316 (€16,184.49 x €531.10 - €19,371.07)) on completion of ten (10) years service in the grade.

2.4 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Maltese Government and the competent Unions.

3.1 Il-ħatra, li hija bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg b'mod partikolari. Il-persuna maħtura tista' tkun trasferita skond il-ħtiġiet tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-persuna nominata ma titħalliex tipprattika l-professjoni tagħha privatament.

4. Id-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg jinkludu:

(a) Sezzjoni Legali ta' l-infurzar:

(i) Li taħdem fil-qrib mas-Sezzjoni Legali ta' l-Infurzar biex tiġbor l-evidenza neċessarja biex tiġi ppreżentata b'mod effettiv għall-infurzar tal-liġi ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industriali;

(ii) Preżentazzjoni ta' ittri ġudizzjarji, *garnishee orders*, mandati ta' qbid, eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti u atti oħrajn;

(iii) Li tirrapreżenta lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg fil-Qorti biex tipproteġi l-interessi tal-Gvern skond il-liġi;

(iv) Li tagħti pariri legali fuq infurzar u azzjonijiet oħra lid-Direttur u tirrappreżenta lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impieg fis-smigħ ta' kawżi fil-Qorti;

(b) Sezzjoni Teknika:

(i) Li tabbozza amendi neċessarji lill-Att jew Avviżi Legali tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impieg;

(ii) Li tabbozza Avviżi Legali u eżenzjonijiet;

(iii) Li tagħti pariri fuq problemi ta' interpretazzjoni u argumenti tekniċi;

(iv) Li tirrappreżenta lid-Dipartiment fuq xogħol li jirrigwarda materji relevanti barra minn Malta;

(v) Li tagħmel xogħol ieħor relatat mad-Dipartiment skond kif imqabbad mid-Direttur;

(ċ) Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Legali Junior/Uffiċjal

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Industrial and Employment Relations in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointee will not be allowed the private practice of his/her profession.

4. The main duties of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Department of Industrial and Employment Relations include:

(a) Legal Enforcement Section:

(i) Liaisoning closely with the Legal Enforcement Section in collating the necessary evidence for cases to be presented as effectively as possible in connection with the enforcement of the Employment and Industrial Relations Act;

(ii) Filing of judicial letters, garnishee orders, warrants of seizure, execution of Court judgments and other acts;

(iii) Representing the Department of Industrial and Employment Relations and presenting its submissions on enforcement and other actions in Court to protect Government's interests at law;

(iv) Tendering legal advice to the Department of Industrial and Employment Relations on enforcement and other action and on enforcement issues and representing the Department of Industrial and Employment Relations at hearings in Court;

(b) Technical Section:

(i) Drafting the necessary amendments to the Act or Legal Notices relating to the Department of Industrial and Employment Relations;

(ii) Drafting legal notices and exemptions;

(iii) Giving advice on problems of interpretation and technical issues;

(iv) Representing the Department on relevant issues related to the Department abroad;

(v) Performing other work related to the Department as may be indicated by the Director;

(c) The Junior Legal Officer/ Legal Officer would need to

Legali trid tkun aġġornata dwar dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kodiċi Ċivili, u liġijiet oħra rigward leġiżlazzjoni tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impieg, u tkun ukoll responsabbli li tidher quddiem Qrati oħra għad-Dipartiment meta d-Direttur ikun mitlub biex jixhed.

keep abreast of relevant provisions of the Code of Organisation and Civil Procedure, the Civil Code, and other laws which have a bearing on Industrial and Employment Relations and will also be responsible for appearing for the Department before other Courts when the Director of Industrial and Employment Relations is summoned as a witness.

5.1 L-applikanti għandhom:-

5.1 Applicants must be:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea); jew

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) ikunu l-konjugi jew tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f(i), (ii), (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f' (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) (i) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

(b) (i) in possession of the warrant to practice the profession of Advocate in Malta;

jew

or

(ii) ikunu persuni li għandhom il-kwalifiki akkademiċi biex jieħdu dan il-*warrant*;

(ii) persons having the academic qualifications to obtain such a warrant;

(ċ) iridu jkunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(c) be able to communicate in the Maltese and English languages;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà mpjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżntaw il-formola *Service and Leave Record Form (GP 47)*; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 L-applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5.1 (b) (ii) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti

5.2 Successful applicants under paragraph 5.1 (b) (ii) will only be considered if there are not enough suitable applicants

taħt paragrafu 5.1 (b) (i). Barra minn hekk, dawn il-persuni jkunu jistgħu jingħataw il-ħatra biss meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw bħala Avukat f'Malta u sakemm ikun għad hemm vakanza.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

